C/2025/6348

21.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12177 – CAPVEST / STADA GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6348)

1. Fit-12 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CapVest Partners LLP ("CapVest", ir-Renju Unit),

— Nidda German Topco GmbH (flimkien mas-sussidjarji diretti u indiretti tagħha l-"STADA Group", il-Ġermanja), ikkontrollata b'mod konġunt minn Bain Capital Investors, LLC (l-Istati Uniti) u s-sitt fond Cinven (Guernsey).

CapVest se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' STADA Group.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— CapVest hija ditta ta' ekwità privata ta' nofs is-suq iffukata fuq industriji reżiljenti ħafna fejn il-motivatur tad-domanda għall-prodott jew għas-servizz ma jkunx diskrezzjonali. Is-setturi ewlenin ta' CapVest huma l-prodotti għall-konsum ta' kuljum, il-kura tas-saħħa u s-servizzi essenzjali,

— STADA Group huwa kumpanija farmaċewtika bi preżenza lokali fis-swieq Ewropej ewlenin kollha, kif ukoll fis-swieq tat-tkabbir fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, l-Asja u l-Awstralja, li toffri portafoll diversifikat ta' prodotti għal firxa ta' oqsma terapewtiċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12177 — CAPVEST / STADA GROUP

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni/Directorate-General for Competition
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
IL-BELĠJU/BELGIQUE